MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 312/2005

**Carmelo Sciberras (650058M), Emanuel Sciberras (588660M)**
**u Catherine Apap (164762M)**

**Vs**

**Catherine Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundanata li thallas lill-istess atturi l-ammont ta' elfejn, tmien mija u tlieta u sebghin lira maltin (Lm2873) li jirraprezentaw kwantu ghal elfejn, mitejn u erbgha u tmenin lira maltin (Lm2284) kera dovuta ghall-fond li kienu jikru l-atturi lill-konvenuta u kwantu ghal hames mija u disgha u tmenin lira maltin (Lm589) kontijiet ta' dawl, ilma u telefon ikkonsumati mill-konvenuta u li kellhom jithallsu mill-atturi, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi mill-prezenti sal-pagament effetiv.

Bl-ispejjez, il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 10 ta' l-atti waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2005 kif ukoll il-verbal tas-seduta tal-lum stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat
Illi in sostenn tat-talba in ezami, xehed l-istess attur Carmelo Sciberras, li, taht gurament, ikkonferma illi l-ammont kollu mitlub fl-istess avviz, ghadu dovut sal-lum mill-istess konvenuta u dan skond kif rizultanti mill-istess avviz.

Illi, da parti taghha, l-konvenuta naqset li taghmel dak verbalizzat waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2005 u lanqas ma ssotemettiet xi raguni jew provi sabiex tikkontrobatti dak mitlub fl-istess avviz.

Illi ghalhekk, it-talba in ezami ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm2873 komplesivament bl-imghax legali mill-25 ta' Mejju 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------